

# IL-MADONNA TAĊ-ĊINTURA F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Dun Salv Caruana

Il-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura f'Ħaż-Żebbuġ twaqqfet fis-sena 1721, fi żmien il-kappillan Ġwann Battist Sagnani. Fl-istess sena ġiet amalgamata ma' l-Arċikonfraternità ta' San Ġakbu ta' Bolonja.

Fi żmien ta' qabel l-aħħar gwerra dinjija, il-fratellanza kienet attiva sewwa, imma wara, bħall-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità, bdiet, bil-mod il-mod, tonqos fin-numru ta' l-imseħbin. Forsi, dan ġej, għaliex illum il-fratellanza ma għadx għandha prokuratur għaliha, bħal xi qassis jew sekular li jieħdu ħsiebha. L-istandard tal-fratellanza għadu joħroġ fil-purċissjoni tal-festa ta' San Filep.

Il-kappella ta' din il-fratellanza li qiegħda maġenb il-kappella tan-niċċa ta' San Filep kienet iddedikata lil Santa Barbara. B'digriet tal-kurja ta' l-isqof tal-11 ta' Mejju 1720 ġiet iddedikata lill-Madonna taċ-Ċintura. Sentejn wara, il-fratellanza ordnat kwadru għall-artal, għand il-pittur Enrico Regnaud. Dan il-kwadru (320cmx192cm) għalkemm xi ftit iffullat bil-figuri tal-qaddisin hu meqjus kwadru artistiku, anzi wieħed mit-tajbin ta' Regnaud. Il-figura ta' Santa Barbara li qiegħda n-naħa ta' isfel tal-kwadru tiddomina l-kwadru. Dan forsi biex jidher li darba l-kappella kienet iddedikata lilha. Sa ftit tas-snin ilu l-kwadru kien, erronjament, attribwit lill-pittur Rocco Buhagiar. Billi għar-raġuni ta' xogħol fil-knisja dan kellu jitneħħa għal ftit mill-post u l-istudjuż ta' l-arti Keith Sciberras M.A., M. Phil. dejjem wera dubji serji fuq l-awtentiċità tiegħu, saret attenzjoni biex forsi l-isem tal-veru awtur jiġi skopert kif fil-fatt ġara.

Il-kwadru ta' Regnaud għal xi snin ġie mibdul ma' wieħed impitter minn Lazzaro Pisani (1924). Il-kwadru ta' Pisani kellu tliet figuri prinċipali, il-Madonna bil-Bambin, it-tnejn b'wiċċhom mimli ħniena jħarsu lejn Santa Monika u din b'wiċċ imnikket titlob quddiemhom. L-għaqda li tidher f'dan il-grupp hi tassew spiritwali u artistika. Fuq il-ġenb l-ieħor hemm Santu Wistin bl-ilbies veskovili. F'1957 il-pittur Rafel Bonnici Calì ġie awtorizzat mill-prokuratur Dun Anton Galea jirrestawrah. Tul dawn l-aħħar snin dan il-kwadru ġie mdendel fis-sagristija.



*Il-kwadru tal-Madonna tal-Konsolazzjoni li jinsab fis-sagristija fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.*



Il-vara li tuża din il-fratellanza għall-purċissjoni hija dik tar-Ružarju. Minflok il-kuruna tar-ružarju titqiegħed ċintura f'idejha. L-istatwa tħallset minn tliet fratellanzi: tal-Karità, tar-Ružarju u taċ-Ċintura. L-istatwa ddistinjaha l-pittur Żebbuġi Gio. Nicolo Buħaġiar, impittra minn Simeone Buhagiar, skolpita minn Pietro Felici, u l-pedestall ġie magħmul minn Antonio Fabri.

*Il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li jinsab fil-knisja ħdejn in-niċċa ta' S. Filep, f'Ħaż-Żebbuġ.*